# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 17 ta' Marzu 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 418 /2024 JPG**
**Kawza nru.: 25**

**BP**
**Vs**
**MF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' BP datat 23 ta' Awwissu 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrent izzewweg lil MF nhar it-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija sebgha u disghin (1997) – certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat **Dok 'A'**.*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, **DP** li twieled f' X u **MP** li twieldet fl-Y.*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Sara Ellul tal-hamsa (5) ta' Jannar tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021), kopja awtentika tal-istess qieghda tigi hawn annessa u mmarkata **Dok 'B'**.*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi r-rikorrent jiddikjara wkoll li l-manteniment kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom dejjem thallas u ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment.*

*Illi ghaldaqstant l-esponent jissodisfa r-rekwiziti kollha stabbiliti mill-Ligi biex jinghata d-divorzju.*

*Illi l-esponent jixtieq jiddivorzja u li z-zwieg tieghu jigi mahlul.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn ir-rikorrent BP u MF u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-digriet datat 30 ta' Gunju 2020 a fol 16;

Rat in-nota fejn giet ipprezentata l-affidavit tal-attur (a fol 22);

Rat li l-intimata hija kontumaci;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (**vide affidavit fol 23) illi huma izzewgu nhar it-18 ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija sebgha u disghin (1997). Minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, DP u MP li huma maggorenni. Xehed illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar il- hamsa (5) ta' Jannar tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) fl-atti tan-Nutar Dr Sara Ellul. In oltre kkonferma li l-partijiet kienu ghexu separatament ghal xhur qabel ma sseparaw legalment. Inoltre, ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata** baqghet kontumaci u ma pprezentat ebda sottomissjonijiet minkejja li nghatat l-opportunita biex taghmel dan (vide fol 21).

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas***

*sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-(18) tmintax ta' Ottubru

tas-sena elf, disa' mija sebgha u disghin (1997) liema zwieg jgib certifikat numru 1920/1997 (Vide certifikat taz-zwieg,Dok A fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sara Ellul nhar il-hamsa (5) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) (Vide fol 5 et seqq) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis illi ma jidhirx illi hemm eccezzjonijiet sollevabbli ex officio.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1920/1997 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**